MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 356/2001/1

**Theresa Mangion**

**vs**

**Keith Mangion**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-15 ta’ Lulju 2000 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg Dok A.

Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi z-zwieg huwa null minhabba li l-konvenut kien isofri minn anomalija psikologika li ghamlitha mpossibbli ghalih

li jwettaq l-obbligi matrimonjali u dan kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi in oltre u minghajr pregudizzju z-zwieg huwa anke null minhabba l-fatt li l-konvenut kien tant immatur illi ma kienx kapaci jassumi l-obbligi maritali u dan kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta Malta.

Illi in oltre l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba illi eskluda l-fedelta u dan kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi din li-kawza billi:

i) Tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-15 ta’ Lulju 2000 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan minhabba fir-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 12 fejn gie eccepit:

Illi ghalkemm hemm lok li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti jigi dikjarat null, dan mhux ghar-ragunijiet imsemmija mill-attrici jew ghar-ragunijiet imputabli lill-eccipjent.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 12 u 13 tal-process;

Rat il-verbali tal-25 ta’ Settembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Joseph Azzopardi biex jigbor il-provi u jirrelata u tat-23 ta’ Jannar 2002.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat in-nota tal-attrici tat-28 ta' Jannar 2002 u l-erba' affidavits hemm esebiti.

Rat il-verbal tat-12 t'April 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, u tal-10 t'Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali halef ir-rapport, id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-istess rapport u l-kawza giet differita ghat-30 t'Ottubru 2002 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PRINCIPJI LEGALI.

Illi dawn il-premessi huma kkontemplati fl-**Artikolu 19 (1) (d) (f) u (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attrici tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ ***Viladrich***:

"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated.” (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi*

*una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** "**Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia***, **"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja*

*mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (****"Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, ***"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"***, P.A., 3 ta' Gunju 1998; ***"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar"***, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u ***"Carmelo Grima v. Mary Andrews"***, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta’ diskrezzjoni biex wiehed ikun jista’ jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

“*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra’ essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all’ assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l’ esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’ atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’ eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*” (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,* "Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-***Bersini***, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea v. John Walsh"**, P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love"*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx*

*gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee`**

**Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**(B) XHIEDA.**

Illi **Keith Mangion** xehed permezz il-procedura tal-affidavit fejn sostna li:

*"Niddikjara li fil-15 ta Lulju, 2000, jiena u Teresa Borg izzewwigna bir-rit civili. Ahna konna ilna niffrekwentaw lil xulxin seba' snin.*

*Nghid li minkejja li jiena kont qed nohrog ma' Teresa, peress li kont ghadni zghir ferm, jiena xorta bqajt niltaqa' regolarment ma' shabi. Ahna konna nkunu klikka x-Xatt tal-Gzira. Jiena kont ghidt lil Teresa car u tond li ma kontx lest li naqta' dawn il-hbiberiji peress li hassejt li l-hajja kelli ngawdiha ladarba kont ghadni daqshekk zghir.*

*Teresa kienet tgerger ghall-attegjament tieghi, pero` kienet taf li jew taccetta jew nispiccaw. Jien kont nahsibha*

*b'dak il-mod u ma kelli l-ebda ntenzjoni li nbiddel il-fehma tieghi minhabba fiha.*

*Apparti l-glied kontinwu li kien ikollna minhabba l-hrug tieghi, Teresa bdiet tilmenta dwar il-hinijiet tax-xoghol tieghi wkoll. F'dak il-perjodu jiena kont nahdem ir-Rinella u kien ikollna sieghat twal ferm. Biex tivvendika ruhha mill-fatt li jiena ma kontx qed inqatta hin bizzejjed maghha, Teresa qabdet u harget ma' wiehed li jahdem maghha, certu Wayne. Meta sirt naf jiena hassart ir-relazzjoni taghna u domna seba' xhur ma nohorgu flimkien.*

*Fl-1999, Teresa bdiet issemmi li riedet tizzewweg peress li konna ilna wisq zmien flimkien. Jiena ma accettajtx mal-ewwel, pero` Teresa tant insistiet li biex nehles minnha accettajt li nizzewwgu.*

*Fil-fatt imponejt kundizzjoni li ma nizzewwgux bil-Knisja peress li ma ridtx cerimonji. Jiena ghalija din kienet semplicement formalita.*

*Nispjega li dak iz-zmien jien kont ghadni mohh ir-rih, tant li lanqas biss kont qed nikkunsidra fejn sejrin nghixu. Meta bdiet toqrob id-data tat-tieg, omm Teresa ssugeriet li ahna mmorru noqghodu ghandha. Peress li ma kellniex alternattiva, jiena accettajt u dan kien l-ikbar zball li ghamilt.*

*Malli zzewwigna Teresa bdiet taghmel ir-regoli kif ghandna nghixu. Hija bdiet tirrifjuta li nohorgu flimkien u ahna spiccajna kuljum id-dar. Mhux biss izda Teresa bdiet tghidli x'hin ghandi niekol, x'hin ninhasel, x'hin nara t-television (meta kienet thallini), u x'hin norqghod. Dawn ir-regoli saru fuq suggeriment ta' omm Teresa. Hija kienet il-kmand fid-dar, inkluz fuq missier Teresa, u hadd ma kien jazzarda jmeriha. Mhux biss izda omm Teresa kienet tippretendi li l-affarijiet kollha li jkun hemm fid-dar huma taghha u tista' taghmel li trid bihom. Filfatt kemm-il darba kont nixtri xorb ghall-fridge taghna, u omm Teresa titla' u tbattal kollox. Ghall-ewwel kont qed naccetta dawn ir-regoli, pero' wara ftit gimghat ma stajtx nissaporti izjed. Spiccajt qisni pupazz f'idejn marti u ommha.*

*L-aktar li kien jiddispjacini huwa ghall-fatt li marti kienet qeghda timxi fuq struzzjonijiet ta' ommha. Meta marti tahseb b'mohhha u mhux taghmel dak li tghidilha ommha, hija persuna totalment differenti. Kien ghalhekk li jiena zzewwigtha ghax hija kellha karattru gustuz ferm. Pero' malli spiccajna nghixu fid-dar t'ommha, marti njoratni kompletament u saret strument ta' ommha. Nispjega li marti taghmel kollox ghal ommha peress li thobbha hafna u hija dipendenti fuqha.*

*Kien ghalhekk li jiena ergajt bdejt nohrog ma' shabi bl-iskuza li kont qed inkun xoghol tard. Filfatt spiccajt inqatta' kemm jista' jkun hin barra mid-dar biex ma nersaqx lejn dak il-habs.*

*Jiena u Teresa spiccajna niggieldu kuljum u ghalhekk f'Jannar, 2001 jiena ddecidejt li nehles minn marti u minn ommha u tlaqt il-barra mid-dar taghhom bil-hwejjeg li kelli fuqi biss. Konna morna ghal ftit counselling, pero' xorta ma wasalna mkien. Ftit zmien wara sirt naf li Teresa qeghda tohrog ma' Etienne Gusman li kien habib kbir tieghi u li hija kienet tafu tramite jiena stess."*

Illi **Teresa Mangion** fl-affidavit taghha sostniet illi:

"*Jien bdejt nohrog ma' Keith Mangion fit-30 ta' Gunju 1993. Dak inhar kien il-birthday tieghi. Kont ghalaqt 16-il sena. Huwa kellu 16-il sena wkoll.*

*Waqt iz-zmien li konna nohorgu flimkien Keith qatt ma nesa l-hajja individwali tieghu. Huwa kien johrog ma' hbiebu ta' sikwit. Ahna konna niltaqghu kuljum. Hu kien jigi d-dar tieghi wara x-xoghol tieghu li kien ikun tard. Wara pero ghall-habta ta' l-12.00am kien johrog wahdu u jiltaqa' ma shabu. Ghal menu huwa kien jghidli li kien jiltaqa' ma' shabu. Kien jghidli li kien jiltaqa' maghhom ix-Xatt tal-Gzira. Dak iz-zmien dan il-fatt kien idejjaqni u jien kont nigbidlu l-attenzjoni. Hu pero kien jghidli "jekk gbajt itlaq". Jien ghalhekk ma kont nghid xejn iktar. Huwa dejjem kien iweghdni pero li wara li nizzewgu kien ser*

*jieqaf milli johrog wahdu mal-hbieb. Fil-fatt huwa ma kienx zamm din il-weghda.*

*Bdejna naghmlu pjanijiet ghaz-zwieg fl-1999. Pero f'dan iz-zmien kollu jien ma kontx konvinta li Keith Mangion kien ippreparat ghaz-zwieg. Fil-fatt kont ghadtlu kemm-il darba "jekk m'intix lest ghaz-zwieg ahsibha". Kont nara hafna affarijiet li kienu juru nuqqas ta' responsabilita min-naha ta' Keith.*

*Ghalkemm kellu impjieg tajjeb bhala 'assistent chef' huwa qatt ma rnexxielu jgemma flus. Anke biex xtara karozza kont ghentu jien finanzjarjament. Il-kcina kont xtrajtha jien. Ma nafx x'kien jaghmel bihom il-flus.*

*Ahna ma kellniex post fejn immorru nghixu. Ghalhekk ipprovajna illi wara z-zwieg konna se mmorru nghixu ma' ommi. Ommi kienet ser toqghod isfel u ahna ppjanajna li noqghodu fuq id-dar taghha.*

*It-tieg taghna kien wiehed zghir. Izzewwigna bir-Registru biss. Kien Keith li ma riedx jizzewweg bil-Knisja. Jien ghax kont inhobbu accettajt.*

*Wara t-tieg in-nuqqas ta' responsabbilita tieghu iktar bdiet tidher. Id-dar qatt ma kien ikun. Kien baqa' johrog ma' hbiebu bhal li kieku qatt ma zzewweg. Fid-dar qatt m'ghamel xejn. Meta kelna bzonn nizbghu id-dar bla zebgha baqghat. Dejjem kien igib l-iskuzi biex ma jaghmel xejn id-dar.*

*Tant kien jintilef ma' shabu li darba kien xoghol u ma giex id-dar filghaxija bhas-soltu. Meta saru t-3am u kien ghadu barra jien inkwetajt u cempiltlu. Sirt naf li kellu barbeque ta' l-imghallem tieghu u lanqas indenja ruhu jcempel biex javzani.*

*Domna nghixu flimkien sitt xhur nieqes erbat ijiem. Fid-9 ta' Jannar 2000, waqt l-ikel Keith qalli li ma setax jghix f'din il-hajja u illi kien qed ihossu msakkar. Dak inhar stess qabad u telaq. Lanqas il-hwejjeg ma ha. Qalli li ma kienx it-tort tieghi.*

*Jien kont hadtha bi kbira hafna. Pero tlitt ijiem wara hbieb tieghi qaluli li kienu raw lil Keith ma' wahda jisimha Natasha li tahdem mieghu. Ilum jien naf illi qieghed johrog maghha. Jien nissuspetta illi ilu maghha zgur minn qabel ma telaq lili.*

*Waqt iz-zwieg il-karattru tieghu inbidel. Kien sar supperv. Ma stajtx tkellmu ghax jibda jidghi u jahtaf lil kulhadd.*

*Flimkien ma konniex nohorgu ghax Keith ma kienx ikun irid. Fi zmien is-sitt xhur li domna flimkien forsi hrigna tlitt darbiet flimkien.*"

Illi bl-affidavit taghha **Barbara Jean Borg** sostniet illi:

"*It-tifla tieghi iltaqghat ma' Keith Mangion meta kienet ghad ghandna 16-il sena. Huwa wkoll kellu 16-il sena.*

*Mill-ewwel ghandi nghid illi huwa qatt ma kien hemm meta kellha bzonnu u ma kienx jurini illi huwa seta' qatt ikun ragel responsabbli ghat-tifla. Dan ghal hafna ragunijiet. L-ewwel nett huwa kien johrog ma' hbiebu wahdu ta' sikwit. Meta kienu gharajjes niftakar lit-tifla tgerger minhabba f'dan. Ma kienitx tiehu gost. Wara li zzewgu jien kont nistenna illi dan l-agir jieqaf u li hu kien ser jibda jgib ruhu bhala ragel mizzewweg. Huwa pero m'ghamel xejn minn dan u baqa' igib ruhu ta' guvni.*

*Keith kellu impjieg tajjeb. Kien 'assistent chef'. Il-paga tieghu pero qatt ma rajniha. Qatt ma jgemma flus. Biex xtara karozza kienet hargitlu parti minnha t-tifla u anke meta ddecidew jixtru kcina it-tifla hallsitha.*

*Meta ddecidew jizzewgu jien u r-ragel tieghi konna tajnihom is-sular ta' fuq tad-dar taghna biex jghixu hemm peress li ma kellhomx fejn jghixu.*

*Huma zzewgu fil-15 ta' Lulju 2000 bir-Registru biss u kellhom tieg zghir.*

*Wara t-tieg Keith Mangion xorta wahda baqa' johrog ma' hbiebu wahdu u rarament hargu flimkien hu u t-tifla.*

*Anke fid-dar huwa qatt ma ha interess. Kienet it-tifla li kienet tiehu hsieb. Niftakar li meta t-tifla xtaqet tbajjat id-dar huwa ma wera l-ebda interess u spiccat qatat qalbha.*

*Xi sitt xhur wara t-tieg huwa qabad u telaq mid-dar ghax qal li xeba. It-tifla kienet imbikkma pero wara biss ftit granet sirna nafu illi huwa kellu relazzjoni ma' tfajla ohra li kienet tahdem mieghu."*

Illi bl-affidavit tieghu **Philip Borg** qal:

"*Jien nigi missier Teresa Mangion. Niftakar li xi seba' snin ilu t-tifla bdiet tohrog ma' certu Keith Mangion. Minn meta beda jigi d-dar u jien sirt nafu qatt ma ghogobni. Jien kont narah mohhu biex jiddeverti biss u jigri ma' shabu. Ma kienx jidher bhala persuna responsabbli u ma kienx jaghtini l-impressjoni li seta jiehu kura tat-tifla bhala r-ragel taghha. Kemm damu gharajjes hekk baqa' u ma nbidilx. Anzi lanqas wara z-zwieg ma nbidel. Anke hwejjeg kienet tixtrilu t-tifla. Kien jigi d-dar kuljum u kien jiekol dejjem ghandna. Huwa kien jahdem fil-kcejjen pero l-paga tieghu ma nafx x'kien jaghmel biha ghax dejjem kien ikun bla flus. Kemm damu jghixu flimkien wara z-zwieg huwa qatt ma taha flus. Jien kont tajthom is-sular ta' fuq tad-dar tieghi biex jghixu fiha bhala darhom. Kollox hi nefqet biex tarma d-dar. Fil-fatt kellha tidhol fid-dejn li ghadha thallas sal-lum.*

*Naf li darba minnhom Keith Mangion lit-tifla qalilha li ddejjaq u telaq mid-dar. Illum naf li ghandu tfajla u ilu maghha minn mindu telaq mid-dar. Nissuspetta illi dan kien ma wahda qabel ma zzewweg lit-tifla. Dan ghaliex hu kien iwassal lit-tifla ghax-xoghol filghodu u ghalkemm huwa ma kienx ikun xoghol la kien ikun id-dar tieghu u lanqas id-dar taghna, u ma kienx jidher sal-hin meta t-tifla kienet tispicca mix-xoghol. Anke meta kien ikun hemm xoghol x'isir id-dar fejn kienu ser jghixu ta' mizzewgin huwa ma kien jaghmel xejn. Kien iqatta l-gurnata barra u dejjem ihalli x-xoghol ghal darb' ohra"*.

Illi bl-affidavit taghha **Paula Farrugia** qalet illi:

"*Theresa bdiet tohrog ma' certu Keith Mangion. Kienet qaltli dwaru imbaghad kienet laqqghatni mieghu.*

*Jien kont niltaqa' ma' Theresa Mangion u l-gharus taghha qabel ma zzewgu kemm ghand il-mummy taghna u kif ukoll minhabba illi gieli kienu jigu d-dar ghandi Bormla.*

*Mill-agir tieghu mill-ewwel bdejt ninnota illi Keith Mangion kien jaghti hafna importanza lill-hbieb tieghu, haga li ma kontx nara normali ghal wiehed f'relazzjoni serja. Per ezempju kien jinsisti ma' Theresa Mangion anke quddiemi illi huwa kien ser ikompli johrog wahdu ma' hbiebu filghaxijiet u li ma kien jara xejn hazin meta kien jaghmel hekk. Din ma kienx jaghmilha darba fill. Kienet tkun ta' spiss. B'hekk jien ma kontx rajtha haga tajba. Pero ovvjament ma kontx nindahal.*

*Kont innutajt ukoll illi fil-preparazzjoni illi kienu qed jaghmlu d-dar biex ilestuha ghaz-zmien tat-tieg, huwa ma kellu l-ebda hegga. Ma kienx ihabrek biex tilhaq tkun lesta. Fil-fatt huwa u missieru kienu ghamlu t-tiles tal-kcina u remghu il-kcina pero damu hafna jaghmluha. Fil-fatt qatt ma tlestiet kollha.*

*Meta kienu waslu biex jippjanaw it-tieg taghhom Keith Mangion ma riedx jizzewweg bil-Knisja. In oltre kont nara illi Keith kien jibza hafna miz-zwieg. Ghal kull haga ta' xejn, meta kienet tinqala xi problerna, minflok jipprova isolviha kien jaqbad u jghid: "Ma nizzewgu xejn."*

*Jumejn qabel it-tieg niftakar illi Theresa kienet nizlet tibki mill-karozza meta kienet gejja ghandi ma' Keith.*

*Niftakarhom jillatikaw minhabba illi Theresa riedet illi jifthu 'joint account' il-bank u jpoggu l-flus taghhom fih pero Keith ried illi huwa jzomm l-account tieghu.*

*Kull meta Keith kien ikollu bzonn xi flus kien idur fuq ohti. Qiesu qatt ma kien jirnexxielu jfaddal.*

*Dawn l-affarijiet kienu tawni l-impressjoni illi Keith Mangion ma kienx lest ghaz-zwieg. Kien qieghed jahseb ta' individwu, ghal rasu biss. Ma kienx matur bizzejjed u qiesu ma kienx jaf ezattament ghal xiex kien diehel. Hadt l-impressjoni ukoll illi huwa ma kienx determinat sabiex jidhol ghaz-zwieg bil-hsieb li jirnexxi pero bil-hsieb li 'issa naraw x'jigri'.*

*Missier Theresa kien induna mill-ewwel x'inhu Keith ghax ma xtaqx illi jizzewgu.*

*Wara li zzewgu, Keith kien baqa' johrog ma' hbiebu filghaxijiet minghajr Theresa. Dan nafu ghax anke Keith kien jghidu hu stess. Kien jghid illi Theresa kienet stramba ghax ma kienitx taf tithallat ma' hbiebu u minhabba f'dan kien ihoss il-htiega li johrog wahdu maghhom. Theresa kienet tghidli iIli kien idum hafna.*

*Ftit granet qabel ma telaq lil Theresa niftakar illi quddiemi kien qal lil Theresa illi kien hemm party tal-Milied ta' fuq ix-xoghol tieghu. Qalilha illi hija kienet mistiedna pero ma ridiex tmur mieghu.*

*Ftit granet wara naf li Keith qabad u telaq mid-dar."*

## III. RELAZZJONI TAL-PERIT LEGALI

Illi l-attrici fic-citazzjoni taghha talbet illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Lulju 2000 jigi dikjarat null u minghajr effett minhabba li l-konvenut ibati minn anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli illi jwettaq l-obligi matrimonjali tieghu u li ma kienx matur u kwindi mhux kapaci jassumi l-obligi maritali skond l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**; kif ukoll ghaliex il-kunsens tieghu kien vizjat skond l-**artikolu 19 (1) (f) tal-istess Kapitolu 255**;

Illi l-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu eccepixxa illi hemm lok li z-zwieg jigi dikjarat null izda mhux ghal ragunijiet imputabbli lilu.

Illi l-Perit Legali mmotiva r-relazzjoni tieghu b'dan il-mod:

"*Illi dan huwa kaz li bhalu sfortunatament qed ikollna hafna quddiem il-Qrati taghna. Kopja zaghzugha li lanqas damu sena mizzewgin (ezattament ftit iktar minn sitt xhur) qabel ma inqala l-inkwiet li farrak iz-zwieg u issa qed jintalab l-annullament.*

*Li hu ftit stramb dan il-kaz hu l-fatt li l-partijiet damu sitt snin johorgu flimkien qabel ma zzewgu u kwindi wiehed ma jistax jghid li ma kienux jaf lil xulxin sew bhal ma gieli jigri. Jidher pero li ma l-ewwel skoll iz-zwieg tfarrak u ghalhekk zgur li xi haga hazina kien hemm.*

*Il-partijiet kif gia inghad ipprezentaw affidavits bhala prova u ma sarux kontro ezamijiet. Kwindi l-kontenut tal-affidavits huma ammessi.*

***L-attrici** taghmel diversi accenni ghall-fatt li l-konvenut qatt ma deher interessat fiz-zwieg u fil-fatt baqa' dejjem ifittex lill shabu u anke ghall-fatt li nonostante li kellhu impjieg tajjeb qatt ma gemma flus u dejjem nefaqhom. Accennat ghal fatt ukoll li l-konvenut ma riedx jizzewweg bil-knisja u fil-fatt izzewgu bir-rit civili biss. Il-konvenut jikkonferma dan.*

*Il-familjari tal-attrici jikkonfermaw, piu o meno, dak li qalet l-attrici. Jidher li l-attrici ittamat li wara z-zwieg il-konvenut se jinbidel izda dan ovvjament ma garax.*

***Il-konvenut** prattikament jikkonferma dak li qalet l-attrici ghaliex jilmenta li din riedet tikkontrollalu hajtu. Naturalment ma fehemx li maz-zwieg l-ewwel priorita' kellha tkun martu u baqa jiffrekwenta lil shabu w ippretenda li jibqa' jghix kif kien qabel. Jekk dak li qal fis-sens li l-attrici kienet trid tikkmandah anke fil-hin li jaghmel certi affarijiet wiehed jifhmu izda l-impressjoni li jiehu l-esponent hu li ma kienx assolutament preparat ghall-hajja mizzewga u ried jibqa' jghix bhal qabel, haga ovvjament impossibbli.*

*L-attici zbaljat li baqghet ghaddejja bil-preparamenti biex tizzewweg u messha indunat li l-konvenut ma kienx adattat ghal hajja mizzewga."*

Illi l-istess Perit Legali kkonkluda:

"*Fil-fehma tal-esponent, ghalkemm strettament gara wara z-zwieg, il-fatt li zwieg jikkrolla wara sitt xhur huwa indikazzjoni bizzejjed li wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-partijiet ma kienux preparati sufficjentement ghaz-zwieg; specjalment il-konvenut ghar-ragunijiet illi ssemmew iktar il-fuq u l-attrici ghaliex hasbet li se jinbidel wara z-zwieg, zball li jsir spiss."*

Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali stante li jidher car li l-unika raguni li ghaliha dahal ghaz-zwieg il-konvenut kienet biss sabiex ma jismax tgergir mill-attrici. Dan huwa kkonfermat b'li qatt ma saru preparamenti ghall-eventwali zwieg, la dwar cerimonji, la dwar id-dar konjugali, u wisq anqas fuq il-kuncett ta' komunjoni fl-imhabba u l-hajja ghall-istess konjugi, u prokreazzjoni ta' ulied, elementi essenzjali f'kull zwieg, li kienu ghal kollox mankanti ghaz-zewg partijiet.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti t-talba attrici ghandha tigi akkolta a bazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255**.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu l-istess huma nkompatibbli mal-konkluzjonijiet premessi, **tilqa' t-talba** attrici b'dan illi:

1. Tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Lulju 2000 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi senjatament *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255**.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 t'Ottubru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 t'Ottubru 2002**